MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 7/2010

**Vincent Calleja f'ismu personalment u ghal Kelly Industries**

**vs**

**Dormax Promotional Printing Limited**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Vincent Calleja datat 6 ta' Jannar 2010 a fol. 1 tal-process fejn espona:-

Illi huwa forna lid-ditta konvenuta diversi oggetti ta' merkanzija ta' stampar kif ordnat mill-istess ditta.

Illi huwa nterpella lid-ditta konvenuta biex thallas il-prezz ta' tali merkanzija fl-ammont ta' tmient elef, mija u tlieta u tmenin liri Maltin u dsatax-il centezmu (Lm8,183.19)

ekwivalenti ghal dsatax-il elf u sitta u sittin ewro u tlieta u tmenin centezmu (€19,066.83) u din baqghet indempjenti.

Illi din is-somma hija vera certa u likwida u l-esponenti jaf li l-konvenuta ditta ma ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti ghat-talbiet attrici.

Illi ghalhekk din il-kawza tista' tipprocedi bi procedura sommarji *ai termini* tal-**artikolu 167 tal-Kodici tal-Procedura tal-ligijiet ta' Malta.**

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tipprocedi f'din il-kawza bi proceduri sommarji *ai termini* tal-**artikolu 167 tal-Kodici ta-procedura**.

2. Tiddikjara lid-ditta konvenuta debitrici lejn l-attur fl-ammont ta' Lm8,183.19 u

3. Tikkundanna lid-ditta konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' €19,066.83.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra Ufficjali tat-18 ta' Lulju 2006, u tad-19 ta' Gunju 2007, u l-imghaxijiet skont il-ligi.

Rat il-lista tax-xhieda u dokument esebit a fol. 2 – 4 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-2 ta' Frar 2010.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-17 ta' Frar 2010 fejn meta ssejhet il-kawza ma deher hadd. Il-kawza giet differita *Sine Die*.

Rat ir-rikors ta' Vincent Calleja *pro et noe* datat 20 ta' April 2010 fejn l-esponenti talab lill-Qorti joghgobha tirriappunta l-kawza ghal seduta ohra sabiex tigi trattata u deciza skont il-ligi; u l-Qorti laqghet it-talba u rriappuntat il-kawza ghas-smigh ghas-6 ta' Mejju 2010 kif jidher a fol 12 tal-process.

Rat li s-socjeta` intimata debitament notifikata fiz-zmien preskritt mil-ligi baqghet kontumaci u msejha tliet darbiet lanqas ma dehret.

Rat li Dr. Thomas Abela ghall-atturi *seduta stante* kkonferma solennement li l-ammont rikjest ghadu kollu dovut.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fir-rikors tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispens tas-smigh tal-kawza skont il-procedura tal-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Tiddeciedi billi **tilqa' t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti** kif dedotti fir-rikors guramentat.

Bl-imghax mitlub u bl-ispejjez kontra s-socjeta` intimata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------